# TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

Fl-atti tat-Talba CCT 179/22/F

**Keith u Lara Jane Debattista**

**vs**

**Andrew Gingell Littlejohn – Custom Workshop Malta**

Illum, 17 ta' Diċembru 2024

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar l-24 ta' Novembru 2022;

Ra r-Risposta tal-Intimat ippreżentata nhar it-22 ta' Diċembru 2022;

Sema' x-xhieda bil-ġurament tar-Rikorrent Keith Debattista;

Ra l-affidavit tal-intimat Andrew Gingell Littlejohn;

Ra d-dokumenti kollha;

Sema' s-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkonsidra:**

Illi permezz tal-Avviż tat-Talba ppreżentat minnhom, ir-Rikorrenti qed jitlobu li jiġu rifużi s-somma ta' tlett elef, sitt mija u wieħed u tmenin Euro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€3,681.95) li huwa għaddew lill-Intimat bħala depożitu akkont ta' xogħlijiet fuq *outdoor kitchen* li huma ordnaw u li madankollu, spiċċat qatt ma ġiet konsenjata minħabba diverġenzi mal-Intimat fuq il-prezz finali tal-proġett.

Illi mill-banda l-oħra, l-Intimat isostni li wara li kien offra diversi options lir-Rikorrenti, fit-18 ta' Frar 2022 ħallsu depożitu ta' €3,681.95 li jekwivali għal 50% tal-prezz finali ta' €7,293.11 maqbul f'dak il-punt. Wara dan, mar fuq il-post biex jieħu l-qisien u għamel abbozz 3D. Minn hemm bdew diskussjonijiet mar-Rikorrenti dwar xi varjazzjonijiet minuri fid-disinn tal-proġett, partikolarment sabiex il-BBQ jkun ċentrat taħt tieqa li kien hemm fuq il-post. Jgħid li minn dak il-punt kien hemm diversi skambji li rriżultaw fil-ħruġ ta' diversi verżjonijiet tal-istima (1050, 1050B, 1050C, 1050D u 1050E). Fl-aħħar kien hemm qbil fuq l-istima 1050D anke tramite *zoom meeting* mar-Rikorrent Keith Debattista u beda x-xogħol fuq l-i*stainless steel frame* tal-bank. Jgħid li talab lir-Rikorrenti jħallsu awment fl-akkont ta' 50% taż-żieda fil-prezz minħabba l-varjazzjonijiet li saru fuq l-istima oriġinali. Minn hemm beda d-diżgwid fuq il-prezz mar-Rikorrent, li beda jsostni li ċertu *items* kienu *overpriced.* Jgħid li minħabba dan id-diżgwid, il-proġett ma setax jimxi għall-fażi li jmiss li llum hemm biss l-i*stainless steel frame* tal-bank kompletat u maħżun fil-garaxx tiegħu. Jgħid li f'dak il-punt ma kellux direzzjoni ċara kif ser jipproċedi.

Illi fix-xhieda tiegħu, ir-Rikorrent jirribatti li fil-fehma tiegħu, il-problema hija li l-Intimat beda x-xogħol fuq il-proġett qabel ma kien hemm ftehim konklussiv fuq id-disinn. Jgħid li l-istima inizzjali li ħallsu d-depożitu fuqha ma kienitx tinkludi "elementi essenzjali ħafna mid-disinn ta' aħna konna fehmna lill-Intimat li kellna bżonn u għalhekk qed nitlob li l-kuntratt jiġi maħlul u niġu rifużi s-somma ta' €3,681.95 li aħna ħallasna bħala depożitu".

Illi minn dan jinsorġi li teoretikament, il-punti saljenti li jrid jevalwa t-Tribunal huwa jekk (i) l-istima oriġinali numru 1050B tal-20 ta' Jannar 2022 kienitx tinkludi l-elementi essenzjali tal-proġett u jekk (ii) bil-ħlas tad-depożitu ta' €3,681.95 mir-Rikorrenti fit-18 ta' Frar 2022 kienx hemm ftehim vinkolanti dwar l-istima appena msemmija.

Intant, in konto-eżami, l-Intimat iċċara li l-ewwel stima mogħtija kienet biss eżerċizzju indikattiv u ma kienitx finali, konferma ta' dak li qed jgħidu r-Rikorrenti. Di più, mill-provi joħroġ li permezz ta' imejl datata **29 ta' Awwissu 2022**, l-Intimat kiteb is-segwenti lir-Rikorrent:

> ***"We are never going to agree! And if we do, later on down the line we are going to have issues so best we stop here. Best you find someone else to manufacture a unit for you and I will then sell off your unit no worries. May you please send me your bank details".***

Kien biss wara, fit-**12 ta' Settembru 2022** li bħal qisu kellu ripensament u kiteb li

*"yes, we did agree to part ways but I cannot offer a full refund as there was a substantial amount of work completed up to this date"*

u dan wara li kien irrikorra għal parir legali. Issa mill-provi, joħroġ li x-xogħol kompletat sa dak il-punt kien biss l-i*stainless steel frame* u aktar minn hekk, ma nġiebitx prova mill-Intimat li bejn id-29 ta' Awwissu 2022 u t-12 ta' Settembru 2022 kien sar xi xogħol ieħor biex jiġġustifika dan il-kambjament fil-pożizzjoni tiegħu dwar ir-rifużjoni.

Illi għalhekk, jirriżulta ċar li in prinċipju, it-Talba tar-Rikorrenti mhijiex kontestata mill-Intimat, u a bażi ta' dan ser tiġi akkolta mit-Tribunal. Lanqas ma ser ikun hemm temperament tal-ammont tar-rifużjoni minħabba li fl-imejl tiegħu tad-29 ta' Awwissu 2022, l-Intimat kien iddikjara li kien ser isib x'jagħmel bl-i*stainless steel frame* li kienet laħaq inħadem. Biss kif svolġew iċ-ċirkostanzi, it-Tribunal iħoss li jkun ġust u ekwu li kull parti ġġorr l-ispejjeż tagħha.

**Deċiżjoni:**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi (i) jiddikjara l-kuntratt bejn il-Partijiet bħala xolt bir-rieda tagħhom stess u konsegwentament, (ii) jordna lill-Intimat jirrifondi lir-Rikorrenti s-somma ta' tlett elef, sitt mija u wieħed u tmenin Euro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€3,681.95).**

**Kull parti ġġorr l-ispejjeż tagħha.**

**L-imgħax jgħodd minn din is-sentenza.**

**Avv. Mattia Felice LL.B., LL.D. (Melit.)**
***Arbitru***